Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

# Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 40

**Data:** It-Tnejn, 16 ta' Novembru 2020
**Ħin:** 17:30
**Post:** Fis-Sala Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President - online
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur. Anthony Mifsud – Membru
Perit Graziella Galea – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru

**Skużati:**
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru

**Mistiedna:**
L-Onor. Dr. Bernard Grech (Kap tal-Oppożizzjoni)
L-Onor. Karl Gouder (Shadow Minister – Gvern Lokali)

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**40.1 Preżentazzjoni u approvazzjoni – Ittri ta' Apoloġija**

40.1.1 Is-Segretarja preżentat l-ittri ta' apoloġija ta' Chev. Paul Farrugia u s-Sur Jesmond Aquilina.

40.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Joe Cordina, l-Eżekuttiv aċċetta l-apoloġiji preżentati.

**40.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 39**

40.2.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.39.

40.2.3 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva il-minuti.

**40.3 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa Nu. 39**

| | |
|---|---|
| **40.3.1 Permessi ta' Gabbani** | Il-President semma li working group kien ġie ffurmat u kien qed jikkomunika magħhom sabiex jistabbiluxxu data għal-ewwel laqgħa ta' bejniethom. |
| **40.3.2 Slow Streets** | Il-President semma li l-istudji f' diversi lokalitajiet kienu għaddejjin bi proċess tajjeb u l-imra hija li sal-aħħar tas-sena jkun hemm l-istudji kollha lesta. |
| **40.3.3 Kontroll ta' Ħamiem fil-lokalitajiet** | Il-President semma li wara sentejn ta' laqgħat kontinwi fuq l-istess suġġett ma' diversi Ministeri u entitajiet, ikkonferma li wara laqgħa li kellu mas-Segretarju Permanenti MHAL, l-AKL ser tingħata fondi sabiex tkun tista' tiħroġ sejħa pubblika sabiex il-Kunsilli Lokali jibbenifikaw minn dan is-servizz. |
| **40.3.4 E-Scooters** | Il-President semma li kien talab laqgħa ma' Transport Malta sabiex terġa' tiġi diskussa l-leġislazzjoni sussidjarja li tirregola E-scooters. Dan wara li l-proposti li kienet għaddiet l-Akl fil-proċess ta' konsultazzjoni ma kienux ġew ikkunsidrati minn TM u issa hemm diversi ilmenti minn Kunsilli Lokali u residenti ta' użu abbużiv ta' dawn l-E-scooters |
| **40.3.5 Seduti tal-Kunsilli Reġjonali u Kunsillu Lokali online** | Il-President semma li l-emenda fil-liġi sabiex dawn is-seduti jkunu jistgħu jinzammu online telgħet kabinet u waslet fit-tieni qari. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **40.3.6 Servizz ta' tindif fl-Uffiċini tal-AKL** | Il-President semma li l-kuntrattur ingħata ċans sa l-aħħar ta' Novembru sabiex jgħaddi d-dokumenti mitluba lill-AKL. Jekk dan ma jsirx l-AKL ser tkun f' pożizzjoni li titermina l-kuntratt. |
| **40.3.7 Bus Shelters** | Il-President semma li kif ġie irrapurtat fil-media, il-persuna li kienet qed tagħmel atti vandali fuq bus shelters inqabdet mill-puluzija. |

**40.4 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 39**

40.4.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Dr. Samuel Azzopardi u s-Sur Joseph Cordina ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-16 t' Ottubru 2020 u s-16 ta' Novembru 2020 li kienet tammonta għall-€51,317.47.

**40.5 Laqgħa mal-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Dr.Bernard Grech**

40.5.1 Il-President talb li dan l-item jiġi sospiż u jiġi diskuss aktar 'l quddiem peress li l-Onor. Dr. Bernard Grech kien għadu mhux preżenti.

**40.6 Sejħa Pubblika – Professional Services – Technical Reports Associated with Resident First Vision**

40.6.1 Il-President semma li l-AKL kienet ħarġet is-sejħa pubblika u din kellha tagħlaq nhar it-Tnejn, 14 ta' Diċembri.

40.6.2 Il-President talab li jiġi approvat l-Board tal-Evalwazzjoni u għaldaqstant jinżamm il-Board li normalment jevalwa s-sejħiet tal-AKL. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv qabel li l-Board tal-Evalwazzjoni iffurmat minn Dr. Samuel Azzopardi, Chev. Paul Farrugia, is-Sur Joseph Cordina u chairperson is-Sur Fava għandu jagħmel l-evalwazzjoni ta' din is-sejħa.

**40.7 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **40.7.1 LEADER – Gal Majjistral** | Il-President semma li l-AKL ġiet innotifikata mill-MEUSAC li għadd fadal diversi fondi fil-fond tal-LEADER Gal Majjistral sabiex jiġu implimentati proġetti fil-lokalitajiet li jiffurmaw parti mill-Gal Majjistral sabiex jissebħu l-lokalitajiet. Il-President semma li l-AKL għamlet kuntatt mal-lokalitajiet kollha involuti sabiex tħajjar lill- |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

lokalitajiet japplikaw kif ukoll tati għajnuna lil dawk il-lokalitajiet li jixtieqــu japplikaw imma għandhom bżonn aktar gwida. Il-President semma li l-applikazzjonijiet ser jgħalqu fl-aħħar ta' Diċembru.

| | |
|---|---|
| **40.7.2 Rimbors ta' pagamenti mil-LESA lill-Kunsilli Reġjonali** | Il-President semma li l-LESA bdiet tirrifondi l-pagamenti ta' ħlasijiet dovuti lill-Kunsilli Reġjonali. |
| **40.7.3 Allokazzjoni AKL** | Il-President semma li kien hemm laqgħa mas-Segretarju Permanenti MHAL kif ukoll mad-Direttur Ġenrali Gvern Lokali rigward l-allokazzjoni għall-AKL għas-sena 2021. Il-President semma li d-dħul globali mill-allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali u dħul ieħor li l-AKL kellha kien ser jonqos b' €170,000. |
| **40.7.4 Fixed Account AKL** | Il-President semma li l-AKL għandha kont fiss għal sena li wasal biex jagħlaq f' Diċembru 2020. Il-President propona li dan il-kont għandu jerġa' jiġġedded għal sena oħra u wara li tkun ingħalqet is-sena finanzjarja 2020 wieħed jikkunsidra iżżiedx l-ammont b' €100,000. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva din il-proposta. |
| **40.7.5 Affarjiet Promozzjonali - Resident First** | Il-President semma li l-AKL kienet ġabret kwitazzjonijiet biex isir xi materjal promozzjonali bħala parti mill-kampanja promozzjonali ta' Resident First. Il-president semma li dawn l-affarjiet ivarjaw minn stationery għall-fliexken li jerġgħu jintużaw. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv qabel li għandu jipproċedi bl-orħos offerti. |
| **40.7.6 Sessjoni ta' taħriġ fuq Ewalwazzjoni ta' Sejħiet Pubbliċi** | Il-President semma li l-AKL kienet ser torganizza taħriġ għall-Membri Eletti u ħaddiema tal-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali fuq il-proċess li bih jiġu evalwati sejħiet pubbliċi fuq l-EPPS. Il-President semma li dan il-kors ser ikun online u għalih hemm irreġistrat li ser jattendu 'l fuq minn erbgħin persuna. Dan qed isir mad-Dipartiment tal-Kuntratti. |
| **40.7.7 Ikla tal-Milied** | Il-President talab li għandha titieħed deċiżjoni jekk l-ikla tal-Milied ta' l-impjegati tal-AKL u dik tal-Eżekuttiv għandiex issir jew le minħabba l-pandemija u r- |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

restrizzjonijiet tal-COVID-19. L-Eżekuttiv ideċieda li għandhom isiru żewġ ikliet separati dik tal-impjegati u oħra għall-Eżekuttiv biex kemm jista' jkun in-numru preżenti ta' dawk li jattendu jkun wieħed baxx.

**40.7.8 Fondi Attivitajiet Kulturali LESA**

Il-President semma li l-AKL irċeviet proposti reveduti tal-Kunsill Lokali ta' Pembroke, Kunsill Lokali Birgu kif ukoll Reġjun Ċentru. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv approva il-proposti preżentati.

**40.7.9 ICT Stretegy**

Il-President semma li l-AKL kienet mistiedna mid-DLG sabiex tattendi għall-ewwel laqgħa fuq ICT Strategy għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali.

**40.7.10 Tokens tal-Milied fil-Kunsilli Lokali**

Il-President semma li peress li din is-sena minħabba l-pandemija mhux ser isir il-festin li s-soltu jsir mill-AKL għall-Kunsilli Reġjonali u l-Kunsilli Lokali, din is-sena l-AKL ħasbet sabiex tqassam djarji lill-Membri Eletti u Segretarji Eżekuttivi flimkien ma' tokens tal-Milied għall-impjegati kollha.

**40.7.11 Health Insurance Policy**

Il-President semma li din is-sena l-AKL bgħatet iċ-ċirkulari lill-Kunsilli Reġjonali u lill-Kunsilli Lokali kmieni sabiex tilħaq tingħabar l-informazzjoni kollha fil-ħin. Semma li r-rati tal-poloz baqgħu l-istess bħal tas-sena li għaddiet.

**40.7.12 Skema ta' għajnuna lill-Membri Eletti**

Il-President semma li wara t-telfa tal-Ex-Sindku ta' Ħal Qormi, is-Sur Renald Falzon ħaseb li għandu jkun hemm xi tip ta' skema bi kriterji ċari li tassisti lill-familjari ta' xi President Reġjonali, Sindku jew Kunsillier li jiġi nieqes meta jkun għadu jokkupa l-kariga fil-Kunsill. Dr. Azzopardi issuġerixxa li l-AKL għandha tagħmel kuntatt ma' kumpanija tal-assigurazzjoni u tara fuq l-possibbilita' li jkun hemm polza li tkopri dawn l-ispejjeż.

**40.7.13 L-Ex-Sindku ta' Ħal Qormi, is-Sur Renald Falzon**

Il-President semma kienet saret ġabra ta' donazzjonijiet minn fost il-Membri Eletti sabiex is-somma miġbura tingħata lill-familja tas-Sur Falzon. Fi ftit jiem is-somma miġbura leħqet €2,060. Il-President semma li ġie preżentat lill-familjari ritratt tas-Sur Falzon meta attenda l-aħħar Laqgħa Plenarja fi Frar li għadda.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **40.7.14 Xiri ta' Punzjetta** | Il-President semma li din is-sena l-AKL ser tkun qed tixtri l-Punzjetta li żejjen l-uffiċini bihom mingħand il-Hospice. |
| **40.6.15 BOV** | Il-President semma li l-AKL għaddiet komunikazzjoni lill-Kunsilli Lokali mibgħutha mill-BOV sabiex jinforma li dawk il-Kunsilli Lokali li għandhom l-emblemi stampati fuq iċ-ċekkijiet, issa ser ikun hemm tariffa għal dan is-servizz. |
| **40.6.16 CLGF** | Il-President semma li minħabba li Head Office ta' CLGF jinstab ġewwa l-Ingilterra, minħabba s-sitwazzjoni ta' Brexit bdew ifittxu fejn jistgħu jibbażaw l-uffiċju tagħhom f' żona fl-UE sabiex jibqgħu jibbenifikaw mill-fondi Ewropej. Għaldaqstant minħabba r-relazzjoni tajba li hemm bejn CLGF u l-AKL, dawn għamlu talba sabiex jibdew jużaw l-inidrizz postali tal-uffiċini tal-AKL sakemm fiżikament jinfetaħ uffiċju f' Malta. |

40.6.17 Is-Sur Anthony Mifsud u l-Perit Graziella Galea daħlu għal-laqgħa 18:02

| | |
|---|---|
| **40.6.18 Abbonamenti fl-Adobe u Grammerly** | Il-President semma li tħalsu abbonamenti għall-użu tas-servizzi tal-Adobe u Grammerly. Dawn qed jintużaw minħabba għadd ta' rapporti li l-AKL qiegħda tikteb. |
| **40.6.19 INDIS** | Il-President semma li kellu laqgħa mal-INDIS (ex MIP) sabiex possibilment il-kuntratt tal-binja tal-ufficini amministrattivi tal-AKL jiġi estiż b' erbgħin sena. |
| **40.6.20 Taħriġ għall-Kunsilliera (online)** | Il-President semma li qed jinġabru kwotazzjonijiet għall-taħriġ għall-Membri Eletti li ser issir online. Dan it taħriġ ikopri: l-użu tal-media soċjali, public speaking, l-effett tal-COVID-19 u l-motivazzjoni kif ukoll l-immaniġjar ta' stress u saħħa mentali. |
| **40.6.21 Mozzjoni sabiex tiġi sottomessa applikazzjoni taħst l-iskema iskema SPI/SCI/3/2020 Proġetti Kapitali – Aċċessibbilita' u Mobilita'** | Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv qabel li l-AKL għandha tissottometti l-applikazzjoni taħt l-iskema maħruġa mid-Diviżjoni, SPI/SCI/3 2020 sabiex jingħataw fondi mill-istess skema biex jiġi installat lift fil-Binja tal-Assoċjazzjoni. |

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt

**www.lca.org.mt**

**40.7 Aġġornament**

40.7.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sita u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 10 ta' Diċembru 2020 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija ġewwa s-sala tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

**L-Onor. Dr. Bernard Grech flimkien mal-Onor. Karl Gouder daħlu għal-laqgħa għall-ħabta tas-18:35. Sa dan il-ħin l-Aġenda tal-laqgħa kienet ġiet eżawrita u l-laqgħa ġiet aġġornata. L-Onor. Dr. Bernard Grech irringrazzja lil dawk kollha preżenti kif ukoll lill-Kunsilli Lokali għax-xogħol li jagħmlu fil-lokalitajiet. Il-President tal-AKL ta merħba lill-Kap tal-Oppożizzjoni u ta bidu għal-laqgħa billi ta spjega tal-Viżjoni tal-AKL, il-proċess ta' Re-Branding kif ukoll ħarsa lejn ix-xogħol li l-AKL wetqet tul dawn l-aħħar ħames snin.**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.41 li nżammet nhar il-Ħamis, 10 ta' Diċembru 2020.

**Mario Fava**
**President**

Dok A.

**Data:** 28 t' Ottubru 2020

**Ref:** Mozzjoni AKL 01/2020

**Imressqa:** President AKL, is-Sur Mario Fava

**Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 40** li ser tinżamm it-Tnejn 16 ta' Novembru 2020

**Suġġett:** Mozzjoni – Proposta sottomessa mill-AKL għall-iskema SPI/SCI/3/2020

**Mozzjoni sabiex tiġi sottomessa applikazzjoni taħt l-iskema SPI/SCI/3/2020 Proġetti Kapitali – Aċċessibbilita' u Mobilita'**

Qed inressaq mozzjoni sabiex l-AKL tressaq proposta taħt l-iskema maħruġa mid-Diviżjoni, SPI/SCI/3 2020 sabiex jingħataw fondi mill-istess skema biex jiġi installat lift fil-Binja tal-Assoċjazzjoni. Il-Binja li minnha tiffunzjona l-AKL mhix aċċessibbli għall-persuni b'diffikultajiet fil-mobilita' għaldaqstant permezz ta' dan il-proġett inkunu qegħdin insaħħu l-aċċessibilita' għall-Membri, ħaddiema kif ukoll pubbliku li jkollu bżonn iżur l-uffiċini tal-AKL.

Kopja tal-proposta tinstab anessa ma' din il-mozzjoni.

Proponent

Mario Fava

President AKL

Sekondant

Paul Farrugia

Viċi President